MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 392/2007

Kawza fil-lista: 49

**AB**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, CD f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri EF, u GH**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-30 ta' Mejju 1992 twieldet EF kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi omm il-minuri EF u cioe Sandra Denise hija mart GH.

3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut GH huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi.

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u kif diga' jirrizulta mir-rizultat ta' DNA tests maghmula fuq il-missier naturali u fuq il-minuri (Dok. B), il-missier naturali tal-minuri msemmija huwa l-attur.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut GH m' huwiex il-missier naturali tal-konvenuta minuri EF u pero' tiddikjara illi l-missier naturali taghha huwa l-attur.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri EF billi, f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "GH" jigi sostitwit b' "AB"; fejn hemm miktub l-eta tal-missier, flok "45" jitnizzel "37", fejn hemm miktub fejn twieled, flok "Valletta" jitnizzel "Paola"; fejn hemm miktub fejn joqghod flok "Valletta" jitnizzel "San Pawl il-Bahar"; u fejn hemm imnizzel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija), flok "Aristide Calafato (dead)" jitnizzel "Angelo Bartolo(alive)".

3. Tiddikjara konsegwentement illi kunjom il-minuri konvenuta Rachel huwa Bartolo u tordna illi hekk ghandu jitnizzel fid-dokumenti kollha ufficjali relattivi.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-

testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jipprova l-impossibilta fizika bejn il-konjugi u cioe’ bejn l-intimat GH u bejn CD.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku [ex parte] prezentat minn Dottor Renald Blundell, minnu mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti, fis-sens li t-tifla Rachel li twieldet mill-konvenuta CD fit-30 ta’ Mejju 1992 u registrata fic-certifikat tat-twelid [2732/92] bil-kunjom Calafato, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut GH, izda hija l-wild naturali tieghu; kif ukoll talbu li din il-Qorti tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-imsemmi certifikat.

Illi l-konvenuti Calafato qablu mat-talbiet attrici.

Illi mill-provi jirrizuzlta pacifiku li l-konvenuti Calfato kienu rriskontraw problemi matrimonjali serji bejniethom, bir-rizultat li bejn is-snin 1998 u 1999 il-konvenuta CD telqet mid-dar konjugali u kompliet ir-relazzjoni extra matrimonjali ma’ l-attur AB, liema relazzjoni ghadha ghaddejja.

Di fatti mill-provi jirrizulta li dawn iz-zewg partijiet, Sandra Calafato u AB. baqghu jghixu flimkien ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena; filwaqt li l-konjugi Calafato ottjenew id-divozju fl-Ingilterra f' Gunju 2000.

Illi l-attrici tikkonferma li, wara ftit tax-xhur li hi telqet mid-dar konjugali, hija marret tghix ma' l-attur; u tikkonferma li fiz-zmien li hija kienet harget tqila bit-tarbija Rachel hija kellha relazzjonijiet intimi ma' l-attur biss. Fit-30 ta' Mejju 1992 twieldet it-tarbija minn din ir-relazzjoni konjugali l-attur kellu mal-konvenuta.

Illi r-rapport xjentifiku jikkonferma li t-tarbija Rachel, registrata bil-kunjom Calafato, u li twieldet fl-imsemmija data, hija l-wild naturali ta' AB.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur; u tiddikjara li t-tifla Rachel, registrata bil-kunjom Calafato, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut GH, izda hija l-wild naturali ta' l-attur AB; u konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Rachel, fis-sens li jigu kkancellati l-isem u l-konnotati tal-konvenut GH u jigu nseriti minflok, l-isem u l-konnotati ta' l-attur AB.

L-ispejjez ghandu jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta Sandra Calafato, f' isimha proprju, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------